



Brussell, 16 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7377/26

CDR 39

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

**ta' ...**

**li taħtar membru  
u membru supplenti,  
proposti mir-Renju ta' Spanja,  
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Spanjol,

---

<sup>1</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13 (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj>).

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71<sup>2</sup>, li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Carlos MAZÓN GUIXOT sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Pablo Gustavo BROSETA DUPRÉ sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (5) Il-Gvern Spanjol ippropona lis-Sur Juan Francisco PÉREZ LLORCA, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali, *President de la Generalitat Valenciana* (President tal-Gvern Reġjonali ta' Valenzja), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj>).

- (6) Il-Gvern Spanjol ippropona lis-Sa Ruth María MERINO PEÑA, rappreżentanta ta' korp reġjonali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Secretaria Autónoma de Representación ante la Unión Europea y las Comunidades Autónomas, Generalitat Valenciana* (Viċi Ministru Reġjonali għar-Rappreżentanza għall-Unjoni Ewropea u r-Reġjuni Awtonomi Spanjoli, Gvern tar-Reġjun ta' Valenzja), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettoral i jew li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030:

(a) bħala membru:

- Is-Sur Juan Francisco PÉREZ LLORCA, *President de la Generalitat Valenciana* (President tal-Gvern Reġjonali ta' Valenzja),

u

(b) bħala membru supplenti:

- Is-Sa Ruth María MERINO PEÑA, *Secretaria Autonómica de Representación ante la Unión Europea y las Comunidades Autónomas, Generalitat Valenciana* (Viċi Ministru Reġjonali għar-Rappreżentanza għall-Unjoni Ewropea u r-Reġjuni Awtonomi Spanjoli, Gvern tar-Reġjun ta' Valenzja),

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---